MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 275/2012

**X F B**

**vs**

**A D E P**

**Il-Qorti,**

**Preambolu,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici X F B li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kienu izzewgu fil-21 ta' Frar tas-sena 2001, liema zwieg kien gie annullat bis-sahha ta' sentenza ta' dina 1-Qorti tal-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet 'X F P vs A maghruf bhala A D E P' (Rikors Guramentat Numru 42/09 AF).

2. Illi minn dana z-zwieg twieldet tifla li jisimha T, li llum ghandha 8 snin.

3. Illi l-esponenti rabbiet lill-minuri waheda u kienet dejjem unikament l-esponenti li hadet hsieb l-interessi kollha taghha.

4. Illi l-intimat qatt ma kkontribwixxa xejn lejn it-trobbija tal-minuri.

5. Illi l-esponenti tixtieq li l-kura u l-kostodja tal-minuri tigi fdata lilha, filwaqt li tixtieq ukoll li l-intimat jibda jhallasha retta alimentarja xierqa ghall-bzonnijiet tal-istess minuri.

6. Illi l-kontendenti ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni mandatorja izda ma rnexxilhom jilhuq ftehim bil-konsegwenza li kellha tigi intavolata dina l-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandiex dina 1-Onorabbli Qorti:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri T P f'idejn l-esponenti;

2. Tordna lill-intimat ihallas retta alimentarja xierqa lill-esponenti ghall-htigijiet tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut A D E P li taqra bil-mod segwenti:

1. Illi dwar l-ewwel talba din ghandha tigi michuda u dan ghaliex l-esponenti jikkontendi illi l-kura u kustodja tal-minuri T P ghandha tkun kongunta, stante li ma tezisti l-ebda raguni l-ghala ma ghandux ikun hekk. F'kull kaz, dina l-Qorti ghandha tahseb ghall-access favur l-eccipjent ghal minuri T;

2. Illi dwar it-tieni talba hemm qbil, stante illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huwa dejjem ghamel tajjeb ghal bzonnijiet tal-imsemmija minuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici wahedha qed tiehu hsieb lill-minuri T li llum ghandha disa' snin. Jirrizulta illi l-konvenut ghandu l-vizzju tad-droga u kien ghamel numru ta' xhur isegwi programm ta' riabilitazzjoni pero' jidher li ghadu mahkum mill-vizzju tal-konsum tad-droga. L-attrici xehdet illi l-konvenut diversi drabi talab lill-terzi persuni sabiex jaghtuh il-flus bl-iskuza li ser juzahom ghall-minuri izda qatt ma kkontribwixxa xejn. Huwa kien inqabad ukoll jisraq.

L-attrici spjegat ukoll illi l-konvenut m'ghandux dimora fissa u ghamel zmien anke jirrisjedi f'Testaferrata Street, Gzira.

Ghalkemm l-attrici ma tixtieqx iccahhad lill-konvenut milli jara lill-minuri, hija preokkupata illi sew minhabba l-vizzju tad-droga kif ukoll minhabba l-kumpanija li ghandu l-konvenut, it-tifla tista' tkun f'perikolu jekk jinghata access mhux supervizzjonat.

Abdul Basit B, ir-ragel attwali tal-attrici, ikkonferma x-xhieda tal-attrici u spjega illi meta l-konvenut jiehu lill-minuri ghall-access tispicca hdejn il-gabbana li hemm Ta' Xbiex. F'okkazzjoni minnhom waqt li t-tifla kienet mal-konvenut huwa mar mal-attrici sabiex jaraw fejn qeghda t-tifla u jsibuwha flimkien ma' tfal ohra tizfen hdejn l-imsemmija gabbana u ftit

hin wara osserva lill-konvenut hiereg minn karozza. B'hekk wasal ghall-konkluzzjoni illi waqt l-access il-konvenut ma kienx qed jiehu hsieb it-tifla u kien qed jabbandunaha minghajr l-ebda sorveljanza.

Skond ix-xhieda moghtija minn rapprezentant tal-ETC, l-ahhar darba li l-konvenut kien registrat li hadem kien fl-1 ta' Dicembru 2009.

Fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2015 l-attrici iddikjarat illi sa fejn taf hi il-konvenut fil-prezent m'ghandux impieg u ghalhekk fic-cirkostanzi ma kenitx qed tinsisti ghall-manteniment, bla pregudizzju li tressaq talba ghall-manteniment fil-futur jekk ic-cirkostanzi tal-konvenut jitbiddlu.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u kustodja tal-minuri T P esklussivament f'idejn l-attrici X F B.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li giet rinunzjata mill-attrici bla pregudizzju ghad-dritt taghha li tressaq talba ghall-manteniment fil-futur fl-eventwalita' li jirrizultalha li l-konvenut ghandu l-mezzi li jikkontribwixxi manteniment ghall-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------